# Tikka Malti 4a

*Paġna 62*

## L-istorja ta' Icarus u Daedalus

Żmien twil ilu fuq il-gżira ta' Kreta kienu jgħixu Daedalus u ibnu Icarus. Daedalus kien jivvinta ħafna xorti u Icarus, ta' tifel li kien, kellu ħafna kurżità. Daedalus u Icarus kienu jgħixu fil-palazz tar-Re Minos li kien il-ħakkiem ta' Kreta. Fil-palazz kellhom minn kollox ħlief ħaġa waħda: il-libertà. Ma setgħux jitilqu mill-palazz. U l-iktar ħaġa li Icarus xtaq kienet li jivvjaġġa 'l bogħod u 'l bogħod biex jara pajjiżi differenti minn Kreta. Imbagħad darba waħda, missieru qallu, "Nitilqu, ibni, se nagħmel par ġwienaħ għalija u ieħor għalik u nitilqu minn hawn."

U hekk ġara.

Daedalus għamel żewġ pari ġwienaħ kbar, magħmulin mir-rix tal-għasafar u mix-xama'. Filgħaxija telgħu fuq il-bejt tal-palazz, libsu l-ġwienaħ u qabel ma telqu, missier Icarus qallu, "Għandi żewġ affarijiet importanti x'ngħidlek. Ittirx wisq viċin il-baħar, għax l-ilma jxarrablek ix-rix u l-ġwienaħ isiru tqal wisq, u jniżżluk 'l isfel. U t-tieni, ittirx wisq viċin ix-xemx għax idewwiblek ix-xama' u taqa' fil-baħar." L-ewwel telaq il-missier u ħalla r-riħ jieħdu miegħu, u mbagħad telaq it-tifel. Kien irnexxielhom. Icarus malajr rabba l-kunfidenza u beda jagħmel il-kutrumbajsi fl-arja u jgħajjat, "Qed intir, qed intir …"

F'ħin minnhom, ħaseb jekk jistax itir fl-għoli iktar mill-ajkli. Beda tiela' 'l fuq u 'l fuq, u jgħaġġel dejjem u dejjem iktar. Ħassu r-re tad-dinja f'dak is-sema kbir bil-baħar miftuħ taħtu. Imma l-lejl malajr inbidel f'ġurnata mill-isbaħ bix-xemx tisreġ, u donnu Icarus kien nesa t-twissijiet kollha li kien għamillu missieru. F'mument minnhom qorob wisq lejn ix-xemx u x-xama' bdiet iddub. Meta missieru nduna x'kien qed jiġri, kien tard wisq. Icarus kien diġà beda nieżel u nieżel sakemm waqa' fil-baħar u missieru ma setax isalvah.